EUROPEAN
COMMISSION

Brussels, 7.10.2016
COM(2016) 644 final

2016/0314 (NLE)

Proposal for a

COUNCIL IMPLEMENTING DECISION

amending Decision 2013/678/EU authorising the Italian Republic to continue to apply a special measure derogating from Article 285 of Directive 2006/112/EC on the common system of value added tax

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċertu tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' April 2016, ir-Repubblika Taljana talbet awtorizzazzjoni biex tkompli teżenta l-persuni li suppost jiġu ntaxxati l-VAT li jkollhom fatturat ta' inqas minn EUR 65 000. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tar-Repubblika Taljana permezz ta' ittra ddatata l-21 ta' Ġunju 2016. Permezz ta' ittra ddatata t-22 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għarrfet lir-Repubblika Taljana li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri japplikaw skemi speċjali għall-impriżi ż-żgħar, fosthom il-possibbiltà li jeżentaw lill-persuni taxxabbli li jkollhom inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha u b'hekk ma tistax tnaqqas il-VAT fuq ix-xiri tagħha.

Din il-miżura ddaħħlet għall-ewwel darba skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE[2]. Madankollu, dawk l-Istati Membri li m'użawx l-għażla prevista f'dik id-dispożizzjoni wara setgħu jeżentaw mill-VAT biss lill-persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 5 000 skont l-Artikolu 24(2)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE[3], li issa tfassal mill-ġdid bħala l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT. Ir-Repubblika Taljana m'użatx l-għażla prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE.

Minħabba li kien hemm għadd sinifikanti ta' persuni taxxabbli li kellhom fatturat annwali baxx ħafna, fl-2007 ir-Repubblika Taljana talbet deroga biex tissimplifika l-obbligi tal-VAT għan-negozji ż-żgħar u biex tħaffef il-ġbir tat-taxxa għad-dipartiment tat-taxxa nazzjonali billi teżenta lill-persuni taxxabbbli li għandhom fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 30 000. Ingħatat awtorizzazzjoni għal din id-deroga sal-31 ta' Diċembru 2010 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE[4], u wara din ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2013 permezz tad-

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq id-dħul minn negozju - L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [*traduzzjoni mhix uffiċjali*] (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303).

3 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE tal-15 ta' Settembru 2008 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 249, 18.9.2008, p. 13).

Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE[5] u mbagħad sal-31 ta' Diċembru 2016 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE[6] li, barra minn hekk, żiedet il-limitu massimu awtorizzat tal-eżenzjoni għal fatturat annwali ta' EUR 65 000. Ir-Repubblika Taljana issa talbet li l-miżura, li mhijiex obbligatorja għall-persuni taxxabbli, tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2019. Ir-Repubblika Taljana talbet ukoll lill-Kummissjoni tqis estensjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2022.

Mill-informazzjoni li tat ir-Repubblika Taljana jidher li l-impatt tal-miżura fuq id-dħul mit-taxxa miġbura fl-istadju finali tal-konsum se jkun insinifikanti.

Normalment id-derogi jingħataw għal żmien limitat bil-għan li jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali tkunx xierqa u effettiva. Barra minn hekk, ta' min jinnota li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar bħalissa qed jiġu riveduti. Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni dwar il-VAT[7], il-proposta tal-Kummissjoni, li se tieħu l-forma ta' pakkett komprensiv ta' simplifikazzjoni, għandha tiġi ppreżentata sa tmiem l-2017.

Għalhekk, qed jiġi propost li d-deroga tiġi estiża għal perjodu ieħor, tal-inqas sal-31 ta' Diċembru 2019 jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar. Minħabba r-reviżjoni li għaddejja bħalissa, ma għandhiex titqies l-estensjoni tad-deroga sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-persuni taxxabbli għandhom jibqgħu jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Id-deroga mitluba hija skont l-għanijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa "*"Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa*"[8], li tistieden lill-Istati Membri jqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jkunu qed ifasslu l-leġiżlazzjoni u b'hekk jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti. Barra minn hekk, ma ġewx identifikati problemi, la fl-applikazzjoni tal-miżura u lanqas fil-monitoraġġ tan-negozji li tkopri.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

---

5 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 294, 12.11.2010, p. 12).

6 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 35).

7 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Iż-żmien biex niddeċiedu, Brussell, 7.4.2016, COM(2016) 148 finali.

8 Id-dokument KUMM(2008) 394 finali tal-25 ta' Ġunju 2008.

- **Il-proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni li ngħatat lil Stat Membru wara talba li għamel hu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija fi proporzjon mal-għan segwit, jiġifieri li jiġu ssimplifikati l-obbligi tal-VAT għan-negozji ż-żgħar u li jitħaffef il-ġbir tat-taxxa għad-dipartiment tat-taxxa nazzjonali.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa għal din ir-raġuni:

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, id-deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' ssir biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-aktar strument xieraq huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għax din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Dan mhux rilevanti.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Id-deċiżjoni għandha l-għan li tkompli miżura ta' simplifikazzjoni li tipprevedi eżenzjoni mill-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 65 000. Dan inaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-SMEs u għall-awtoritajiet tat-taxxa. Min-naħa l-oħra, se titħallas inqas VAT. Ta' min jinnota wkoll li s-sistema ssimplifikata mhijiex obbligatorja.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga u l-applikazzjoni limitata tagħha fiż-żmien, l-impatt, fi kwalunkwe każ, se jkun limitat.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni għaliex l-Italja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89[9].

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

5. ELEMENTI OĦRAJN

Il-proposta tinkludi klawżola ta’ estinzjoni.

2016/0314 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[10], u b'mod partikulari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE[11], l-Italja kienet awtorizzata teżenta, sal-31 ta' Diċembru 2010, lill-persuni taxxabbli li kellhom fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 30 000 permezz ta' deroga. Wara, l-applikazzjoni ta' din id-deroga ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2013 permezz tad-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE[12] u mbagħad sal-31 ta' Diċembru 2016 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE[13] li, barra minn hekk, żiedet il-limitu massimu awtorizzat tal-eżenzjoni għal fatturat annwali ta' EUR 65 000.

(2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' April 2016, l-Italja talbet awtorizzazzjoni għal miżura li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE biex tkompli teżenta lil ċerti persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali ta' inqas minn EUR 65 000. Permezz ta' dik il-miżura, dawk il-persuni taxxabbli jkunu eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT).

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Italja permezz ta' ittra ddatata l-21 ta' Ġunju 2016. Permezz ta' ittra ddatata t-22 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-Italja li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

---

10 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE tal-15 ta' Settembru 2008 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 249, 18.9.2008, p. 13).

12 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 294, 12.11.2010, p. 12).

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 35).

(4) L-Istati Membri diġà għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar skont it-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Il-miżura estiża tagħti deroga mill-Artikolu 285 ta' dik id-Direttiva fl-applikazzjoni tagħha għall-Italja biss sakemm il-limitu tal-fatturat annwali tal-iskema jkun ogħla mil-limitu ta' EUR 5 000.

(5) Id-deroga mitluba hija skont l-għanijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 msejħa ""Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa"[14].

(6) Minħabba li din id-deroga wasslet għal obbligi mnaqqsin tal-VAT għan-negozji ż-żgħar, l-Italja għandha tkun awtorizzata tapplika l-miżura għal perjodu limitat ieħor. Il-persuni taxxabbli xorta waħda għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

(7) Normalment id-derogi jingħataw għal żmien limitat bil-għan li jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali tkunx xierqa u effettiva. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar qed jiġu riveduti. Għalhekk, id-deroga mitluba għandha tkun limitata fiż-żmien u għandu jkollha magħha klawżola ta' estinzjoni.

(8) Mill-informazzjoni li pprovdiet l-Italja, il-limitu miżjud mhux se jkollu impatt sinifikanti fuq l-ammont globali ta' dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju finali tal-konsum.

(9) Id-deroga m'għandha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE, l-Artikolu 2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017 sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, jew sal-31 ta' Diċembru 2019, skont liema data tiġi l-ewwel."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[14] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, Brussell, 25.6.2008, KUMM(2008) 394 finali.